# IL-MITT SENA TAL-KWADRU TITULARI

**L-2010 timmarka anniversarju importanti għall-parroċċa ta' Ħad-Dingli; l-ewwel ċentinarju tal-kwadru titulari attwali xogħol il-pittur Taljan Virginio Monti. MARIO MICALLEF jagħti ħarsa lejn l-istorja tal-kwadru nnifsu u jlaqqagħna mal-awtur ta' dan ix-xogħol li jirrappreżenta t-tlugħ fis-sema tal-Madonna.**

- **Il-Kwadru**

Fil-bidu tas-seklu għoxrin, mal-proġett tal-bini ta' knisja parrokkjali ġdida f'Ħad-Dingli, inħasset il-ħtieġa ta' kwadru titulari ġdid li juri t-tlugħ fis-sema bir-ruħ u l-ġisem tal-Verġni Marija. Il-knisja l-ġdida, mibnija fl-istess post ta' qabilha iżda ferm akbar fid-daqs, tlestiet minn ġewwa u tbierket fl-1908. Il-Kappillan Dun Vincenz Curmi qabbad lill-istess perit inkarigat mill-bini tal-knisja, Franġisku Zammit, biex jikkummissjona x-xogħol tal-kwadru titulari l-ġdid lill-pittur magħruf Virginio Monti. Il-kwadru tpitter Ruma u twaħħal wara l-altar maġġur tal-knisja parrokkjali ta' Ħad-Dingli nhar il-11 ta' Awwissu 1910, ftit jiem qabel iċ-ċelebrazzjoni tal-festa titulari. Il-kwadru jirrappreżenta b'mod prominenti 'l-Madonna mtellgħa s-sema fejn 'il fuq mis-sħab hi akkumpanjata minn żewġ anġli kbar u ħames anġli żgħar ferħana b'dan l-avveniment. Fil-parti t'isfel tal-kwadru, il-pittur juri l-appostli mistagħġba jaraw il-qabar tal-Madonna vojt. Il-kwadru titulari li kien hemm qablu, illum jinsab fis-sagristija.



*Il-kwadru titulari tal-parroċċa ta' Ħad-Dingli.*

Il-kwadru ġie jiswa £40, iżda Virginio Monti laqa' t-talba biex jagħti skont u f'ġest ta' ġenerożita' naqqas £4 u għalhekk il-ħlas dovut lilu niżel għal £36. Inkarigati għall-ġbir tal-fondi għat-titular il-ġdid kienu l-Kappillan Dun Vinċenz Curmi u l-Perit Franġisku Zammit. Fi żmien ta' faqar il-flus kienu jidħlu bil-mod. Għall-parroċċa ta' Ħad-Dingli dan kien diffiċli billi kienet għaddejja ħidma qawwija fuq proġett infrastrutturali kbir; il-bini tal-knisja li għalkemm kienet lesta minn ġewwa kien għad fadal ħafna xogħol xi jsir fuq barra. Kienet għalhekk providenzjali l-għotja ta' £15 għall-kwadru titulari mill-Kavallier Carmelo Bugeja li kien benefattur kbir ta' din il-parroċċa.

- **Il-Pittur**

Virginio Monti twieled fl-1852 f'Genzano, lokalità li tinsab fil-provinċja tal-kapitali Taljana, Ruma. Missieru, Andrea, li kien artist ukoll għaraf il-potenzjal ta' ibnu u offrielu taħriġ professjonali fl-arti. Fl-età żagħżugħa ta' għoxrin sena, bagħat għalih il-pittur magħruf Taljan Alessandro Mantovani li afdalu xogħlijiet imdaqqsa biex jagħmluhom flimkien. Fil-fatt il-*Galleria Mantovani* fil-Vatikan saret

bil-għajnuna ta' Virginio Monti. Dan il-proġett ta isem lill-artist żagħżugħ bħala pittur li għad jagħmel xogħlijiet kbar ta' arti.



Virginio Monti (1852-1942)

L-ewwel xogħol kompletament f'idejh, fuq rakkomandazzjoni tal-istess Mantovani, kien għall-kappella tal-Lunzjata fil-knisja ta' *Santa Maria dell'Orto* f'Ruma. Alessandro Mantovani beda jikkummissjona bosta xogħlijiet lil Virginio Monti li sab jgħinu lil Eugenio Cesterna, li aktar 'il quddiem żżewweġ lil oħt Monti. Eventwalment iż-żewġ artisti ħallew it-timbru tagħhom fuq il-wirt artisitiku f'Ruma b'ħafna knejjes u bini ekklesjastiku mżejjen minnhom.

Monti kien jispeċjalizza fl-affreski u ħa isem għat-tpinġija ta' figuri mill-kotba mqaddsa fl-isfond ta' xenarju. Kienu bosta l-knejjes f'Malta li gawdew mit-talenti artistici ta' Virginio Monti, ewlenin fosthom Birkirkara fejn hu pitter is-saqaf tal-kolleġġjata bażilika ta' Sant'Elena. Għall-knisja kolleġġjata tal-Immakulata Kunċizzjoni f'Bormla hu pitter il-koppla u l-kwadri tas-saqaf tal-kor u tal-kappelluni. F'Ħad-Dingli minbarra l-kwadru titulari attwali, fl-1907 pitter ukoll żewġ kwadri oħra, wieħed li juri lil San Franġisk t'Assisi u ieħor lill-Arkanġlu San Rafel. Il-kwadri jinsabu fil-kappellun tal-kurċifiss. Għandu wkoll xogħol il-Belt fejn pitter episodji mill-ħajja ta' San Franġisk għas-saqaf prinċipali tal-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, immexxija mill-Franġiskani Minuri.



*Il-kwadri ta' San Franġisk t'Assisi u tal-Arkanġlu San Rafel fil-knisja parrokkjali ta' Ħad-Dingli.*

Xogħlijiet oħra ta' Monti f'pajjiżna jinsabu fi tliet lokalitajiet Għawdxin. L-akbar wirt li dan l-artist ta' fama ħalla f'din il-gżira jinsab fil-knisja bażilika ta' Marija Bambina fix-Xagħra fejn hu l-awtur tal-pitturi kollha fis-saqaf, fin-navi u fl-altari, minbarra waħda. Għall-knisja parrokkjali ta' Kerċem pitter il-kwadri ta' żewġ altari: wieħed juri l-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u ieħor il-Madonna tal-Karmnu, waqt li fiż-Żebbuġ hu l-awtur ta' kwadru li juri l-Familja Mqaddsa.

Virginio Monti miet f'Ruma nhar il-11 ta' Frar 1942, fl-għomor ta' 90 sena.

**Riferenzi:**


Arkivju Parrokkjali Ħad-Dingli, Reġistru tal-Magħmudijiet, Volum VIII, Paġna 58.

Aaron Attard Hili, *Monti's painting of the Immaculate Conception at Xagħra Parish Church, The Sunday Times*, 5 ta' Settembru 2004, Paġni 44-45.


Ir-ritratt ta' Virginio Monti hu meħud minn awto-pittura tiegħu. Ir-ritratt qed jiġi ppubblikat bil-kortesija tal-knisja Kolleġġjata Bażilika tax-Xagħra, Għawdex. Il-pittura oriġinali tinsab fis-sagristija maġġuri tal-istess knisja.